# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

Vs

**Thomas Spiteri**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum:4 ta’ Dicembru, 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Thomas Spiteri ID 425498 (M) Marcel u Mary Theresa nee Borg imwieled fil-14/11/1998 u joqghod 28 Triq il-Fosos tal-Qamh, Mtarfa talli fit-13 ta’ Ottubru, 2021 ghall-habta

ta'19:20  hrs  fi Triq San Publiju, Floriana soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni LDC 502 u  talli.

1. b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni , jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu , ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti minhabba f'hekk Teresa Cini baghta offiza gravi fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr  Jeffrey Bonnici MD mill-MDH.
2.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda.

Rat l-artikoli Kap 9 Art 328 (c) LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhiedha kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Teresa Cini,xehdet hekk:</u>**

Qorti: Sinjura Thomas Cini jigi xi haga minnek?

Xhud: L-gharus ta` neputija.

Avu: Tiftakar x`gara dak in-nhar sinjura?

Xhud: Jiena minn Naxxar u neputijiet tieghi xtaq lil jaghmlu quddiesa lil ommhom il-Furjana appena wassalna l-gharus go karozza zghira appena x`hin hrigt hekk grali li sibt ruhi minxura fl-art.

Qorti: Igifieri laqtek meta kont niezla mil-karozza?

Xhud: Inzilna mil-karozza u fis-siegha u l`hin sibt ruhi fl-art uu ma dhalniex il-knisja.

Qorti: Imma laqtitek il-karozza sinjura?

Xhud: Le le x`hin wasssalna il-Furjana u x`hin inzilna sibt ruhi fl-art korruta.

Pros: Tiftakar il-gurnata meta gara?

Xhud: 13 ta` Ottubru 2021.

Qorti: Fejn kontu bhala rahal?

Xhud: Il-Furjana.

Pros: Teresa inti semmejt li mort l-isptar kemm domt bejn wiehed iehor?

Xhud: Ghamilt 5 xhur.

Pros: Tiftakar l-incident kif gara inti?

Xhud: Le le jien kif wassalna sibt ruhi ma l-art.

Qorti: Sibt ruhek mitfuha ma l-art mal-karozza ghedtli?

Xhud: X`hin hrigt mil-bieba,

Pros: Kont fejn ix-xufier jew kont wara?

Xhud: Wara kont.

Pros: U hrigt minn naha ta` fejn isuqu jew minn naha l-ohra?

Xhud: Mhux minn naha ta fejn isuqu minn naha l-ohra.

Pros: Hrigt minn naha ta` fejn isuqu jew minn naha l-ohra?

Xhud: Le minn naha l-ohra.

Pros: U meta sibt ruhek kif qed tispjegalna ma l-art liem naha kont in-naha ta` wara in-naha tal-bieba liem naha ta` quddiem ilhaqt imxejt spjegalna ghax ma konniex hemm ahna?

Xhud: Dak li naf nghid u x`hin hrigt mil-bieba I mean all of a sudden sibt ruhi korruta.

Qorti: Igifieri ma tafx ghaliex waqajt?

Xhud: Le qed ngidlek hekk kif hrigt cans ta xejn sibt ruhi grali hekk.

Pros: Tiftakar kif sibt ruhek hekk x`gara qabel ma sibt ruhek hekk?

Xhud: Bdejt nghid xi grali xi grali.

Pros: Min kien qed isuqha sinjura dik il-karozza li qed issemmi?

Xhud: Miskin dan uu.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Qorti: Kontro ezami?

Avu: Sinjura igifieri bil-gurament tieghek inti hrigt mil-karozza u sibt ruhek fl-art hux hekk?

Xhud: Iva.

Avu: Igifieri kif nghidu bil-malti aqqas taf x`laqqtek inti sibt ruhek fl-art?

Xhud: Iva iva.

Avu; Domanda wahda inti mis-sinjur trid xi haga inti?

Xhud: Le xejn ma rrid jiena jien jiddispjacieni.

**<u>Melanie Pirotta,  xehdet hekk</u>**

Pros; Melanie inti kont involuta f`xi incident jew rajt incident isehh?

Xhud: Jiena kont riekba fit-13 ta` Ottubru tal-2021 kont riekba mal-famila tieghi,

Pros: Min kienu jekk jogghbo?

Xhud: Ma ommi u ma missieri.

Pros: Tghidilna isimhom?

Xhud: Michelle Pirotta u Micheal Pirotta maz-zija ta` missieri.

Avu: Sinjura hi it-tfajla tieghu biex nghidulha bid-drittijiet li ghandha.

Pros: Sinjura it-tfajla mhux il-mara sinjura Gudikant,

Qorti: Le imma jekk relazzjoni intima it`s covered.

Avu: Inti it-tfajla tieghu?

Xhud: Iva it-tfajla tieghu.

Qorti: Sinjura ghandek id-dritt li ma tixhidx jekk ma tridx tixhed tixtieq tixhed jew le?

Xhud: Nixhed.

Qorti: Ok kompli x`gara dak in-nhar sinjura fejn kontu?

Xhud: Konnha sejrin il-quddies igifieri il-knisja tal-Furjana.

Qorti: Inti fejn kont riekba?

Xhud: Jien kont fuq wara.

Qorti: U min kien qed isuq?

Xhud: L-gharus tieghi Thomas Spiteri.

Qorti: Qieghed f`din l-awla please?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat lil Imputat.

Xhud: Konnha sejrin il-quddies ezatt kif wasalna quddiem il-knisja sibna parking u waqaf ezatt biex ahna bhala familja ninzlu jiena pero bqajt fuq wara fil-karozza gifieri?

Xhud: Fejn kont?

Xhud: Fil-karozza kont fuq wara bqajt hemm gew.

Qorti: Fuq wara kont mhux fuq quddiem?

Xhud: Le fuq wara fin-nofs, umbaghad kif inzilna, huma nizlu u mhux jiena igifieri ommi missieri u z-zija ta` missieri nizlu.

Qorti: Mela ommok u missierek fejn kienu?

Xhud: Mela missieri kien fuq quddiem u ommi u z-zija ta` missieri kienu wara u jiena kont fin-nofs.

Qorti: X`gara iktar?

Xhud: Kif ezatt inzilna mhux jiena huma ommi missieri u z-zija nizlu ghax l-gahrus tieghi tahom cans biex jaqsmu igifieri hu

ma kienx lahaq ipparkja sadattant sakemm nizlu hadulna il-parking kien hemm parking iehor umbaghad in-naha l-ohra tat-triq u hu resaq hafna l`quddiem tahom cans biex huma jaqsmu u beda jirriversja ghall-parking umbaghad u dahhal ir-reverse u beda jipparkja bilmod ovvjament u resaq lura.

Qorti: Umbaghad x`gara?

Xhud: Smajna hoss u mal-hoss igifieri il-hoss kien gej minn wara il-hoss kif semgha il-hoss hu waqaf.

Qorti: U x`gara?

Xhud: Umbaghad ovvjament l-istint tieghi harist mil-hgiega ta` wara rajt il-missieri umbaghad hrigt jiena fthat il-bieba u t`ommi u ta l-gharus tieghi u nzilna u rajna iz-zija umbaghad fl-art ma missieri.

Qorti: Fejn kienet fl-art iz-zija?

Xhud: Kienet fejn il-karozzi ipparkjati fuq din-naha, igifieri iz-zija kienet ma l-art fejn il-karozzi ipparkjati igifieri jiena ftaht il-bieba liberament u hi kienet,

Qorti: Hdejn il-karozza taghkom jew le?

Xhud: Le il-karozza taghna kienet ha tiiriversja lura imma hi kienet ghadha fin-nofs.

Qorti: Fin –nofs fejn?

Xhud: Fejn ha jipparkja igifieri mhux fil-parking space fejn il-parking space.

Qorti: Kemm kienet il-boghod mill-karozza?

Xhud: Bl-ezatt ma nafx nghid pero jiena fth til-bieba liberament igifieri u sibtha kienet pjuttost kienet pjuttost il-boghod, il-boghod li ma lqattiex bil-bieba igifieri.

Qorti: Inti mill-liema naha hrigt?

Xhud: Jiena hrigt minn naha tal-knisja.

Qorti: Mill-liema naha tal-passiggier jew minn naha tad-driver?

Xhud: Ta` wara d-driver.

Qorti: U kienet hemmekk igifeiri hdejn il-karozza imma inti irnexxielek tiftah il-bieba?

Xhud: Iva ehe.

Avu: Mela inti ghed tli smajt hoss?

Xhud: Iva.

Avu: Il-hoss min ikkawzah? Min sibtu wara l-karozza?

Xhud: Lil missieri.

Avu: Mela spjega daqxejn lil Magistrat il-papa` tieghek min hu?

Xhud: Michael Pirotta.

Avu: Mela dan il-hoss minn fejn kien gej u x`hin inzilt mil-karozza il-min sibt ezattament fejn smajt il-hoss spjega ezattament lil Magistrat?

Xhud: Mela il-hoss kien gej minn wara igifieri dik zgur li ahna il-hoss smajna hoss minn wara u l-ewwel istint tieghi hu li nhares mit-tieqa minn got-tieqa ta` wara u kif fil-pront rajt mit-tieqa ta` war rajt lil missieri.

Avu: Jigifieri il-hoss li smjat mal-karozza gie ikkawzat minn?

Xhud: Minn missieri.

Avu: Minn missierek minn Michael Pirotta?

Xhud: Iva iva.

Qorti: X`kien qed jaghmel ghaliex il-hoss? Igifieri il-karozza kienet ha tirriversja ghall-fuqu?

Xhud: Le le ghax filfatt hu meta igifieri kien wieqaf l-gharus tieghi hares minn fol-mera,

Qorti: Halli inti ma tafx li raha mil-mera sinjura inti tista tghid li hares allura missierek xtaha daqqa fuq il-karozza ghamel hoss fuq il-karozza jaghmel hekk gha x`ma kellux affarijiet ohra x`jaghmel mhux qed nifhem jien frankament?

Avu: Issa jixhed missierha filkaz, pero il-hoss mill-liem naha smajtu gej minn naha fejnnkien il-papa` jew minn naha fejn kien hemm iz-zija?

Xhud: Le jien iz-zija bl-ebda aqqas hjiel ma kelli li ha nsibha hemm il-hoss kien gej minn wara.

Avu; Kemm kien hemm il-boghod mil-post fejn inti kont bilqeghda ghall-post fejn sibt liz-zija fl-art?

Xhud: Konnha ftit il-boghod,

Avu: Le kemm kien hemm boghod igifieri minnek ghaz-zija kemm kien hemm il-boghod meta dik konnha ftit il-boghod kemm metru zewg metri kemm?

Xhud: Metru, ma nafx.

Avu: Kien hemm metru issa meta inti ftaht il-bieba iz-zija kif sibtha mixhuta igifeiri f`liema posizzjoni kienet vertikali, orrizontali, ezattament mal-genb tal-karozza, dritta spjega daqxejn il-Qorti?

Xhud: Ma niftakarx bl-ezatt.

Avu: Mela minuta fthat il-bieba il-bieba x`hin ftahta ilqatta liz-zija inti jew le?

Xhud: Le le le.

Avu: Mela it-tul tal-bieba kemm fih?

Xhud: Wiesgha bizzejjed li jiena.

Avu: Metru it-tul tal-bieba piu o meno, mela itni qeghda bilqeghda smajt il-hoss waqfet il-karozza ftaht il-bieba bil-bieba ilqatta liz-zija?

Xhud: Le le le.

Avu: Iz-zija fejn kienet?

Xhud: Iz-zija igifieri kienet fejn il-karozzi ipparkajti igifieri l`hemmekk.

Avu: Kemm il-boghod mil-karozza kienet iz-zija metru zgur ghax metru fiha il-bieba?

Xhud: Igifeiri iktar il-fuq iktar mil-bieba.

Avu: Issa liz-zija intom fejn waqqaftuha u fejn sibtuha mixhuta?

Xhud: Waqqafniha fil-karregata l-ohra igifeiri fil-karregata l-ohra waqqafna lil kulhadd jiena biss bqajt fil-karozza igifeiri ommi w missieri u z-zija dawk nizlu fuq il-karregata l-ohra u hu tahom cans jinzlu biex huma jilhqu jaqsmu u jidhlu fil-knisja, sadattant sakemm lahqu nizlu il-parking space kien lahaq kien gie mehud ovvjament sibna parking space in-naha l-ohra fil-karregata l-ohra hu resaq hafna il-quddiem igifieri tahom cans hin bizzejjed li kellhom cans jaqsmu mar il-quddiem igifieri xeghel l-indicators u dak kollu hares mill-

mera ta` wara u naf li hares ghax hares lejja meta hares mill-mera harisna lejn xulxin u jiena peress li kont fin-nofs u kont qed nostakolalu il-vista mort warajh biex hu jkun jista jara lura hu ovvjamanent kien jaf li m`hemm hadd u ghamel ir-reverse u beda,

Avu; Ha nwaqqfek apparti l-indicators eccettra il-karozza hija maghmmra b`xi haga ohra ghall-reverse?

Xhud: Le le le.

Avu: Reverse alarm reverse lights jew xi haga hekk?

Xhud: Mhux li naf jiena.

Avu: Umbaghad x`ghamiltu?

Xhud: Umbaghad hu beda jirriversja lura u ovvjament smajna dak il-hoss li kien gej minn wara l-istint tieghi kelli inhares mit-tieqa ta`wara u filfatt mit-tieqa rajt il-missieri fl-art ftaht il-bieba hu nizel mieghi u sibna iz-zija ta` missieri.

Avu: Mela missierek sibtuh wara l-karozza u z-zija fejn kienet?

Qorti: Missierek kien fl-art?

Xhud: Iva.

Avu: Imma l-kawza mhux fuq missierha qeghda sinjura, u iz-zija sibtuha fejn?

Xhud: Kienet ghadha fl-art kienet ghadha fejn il-karozzi ipparkjati bilqeghda fl-art hemmekk.

Avu: Bl-istess gurament iz-zija tista tghidilna inti kif spiccat ma l-art?

Xhud: Jien kif spiccat ma nistax nghid.

Avu: Ok grazzi.

**<u>Michael Pirotta xehed hekk:</u>**

Pros: Sur Pirotta inti kont involut f`xi incident?

Xhud: Iva.

Pros: Spjega il-Qorti ahna ma konniex hemm spjega il-Qorti kif gara u meta u fejn?

Xhud: Gara mhux is-sena l-ohra ta` qabel id-data ezatt ma nafiex id-data ezatt.

Qorti: U fejn kien l-incident?

Xhud: Il-Furjana dan bazikament konnha qeghdin mat-tfajjel tat-tifla.

Pros: Qed tarfu go din l-awla?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: U gentilment huwa tana lift biex imorru nisimghu quddiesa konnha qed niccelebraw l-gheluq il-mewt t`ommi konnha qed niccellebraw quddiesha u xejn igifieri kif konnha wasalna,

Pros: Lokalita?

Xhud: Il-Furjana il-knisja Parrokkjali tal-Furjana kif konnha gejjin quddiem il-knisja waqqafna,

Pros: Min kontu gol-karozza?

Xhud: Jiena il-mara, it-tifla u hu 4 minn nies konnha hu waqqaf bizwit il-knisja tana cans ninzlu bil-kalma kollha,

Qorti: Min nizel?

Xhud: Iz-zija,

ProsL Inti semmejt 4 minn nies!!

Xhud: Iz-zija.

Qorti: Iz-zija fejn kienet fil-karozza?

Xhud: Fuq wara hdejja fuq il-karozza fuq wara.

Qorti: Int kont fuq wara?

Xhud: Iva.

Pros: Min kien hemm iktar wara sinjur?

Xhud: Kien hemm iz-zija, il-mara u it-tifla fuq wara tal-karozza u jien hdejn id-driver hekk kienu, xejn tana cans biex ninzlu mill-karozza inzilt jiena iz-zija u l-mara u hu mexa daqxejn l-isfel biex isib parking biex jirriversja jiena u z-zija konnha qed naqsmu iz-zija qassmet daqxejn qabbli u jiena,

Pros: X`jisimha iz-zija?

Xhud: Iz-zija Teresa, Teresa Cini u sakemm konnha qed naqsmu kien qed jirriversja biex isib il-parking u laqatni daqxejn.

Pros: Spjegalna naqra mela kien qed jirriversja mill-liem naha laqqtek lilek biss laqat?

Qorti: U iz-zija x`gara minnha?

Xhud: Kif inzilna mill-karozza bdejna naqsmu,

Pros: Inti ma min kont?

Xhud: Maz-zija.

Pros: Kontu hdejn xulxin?

Xhud: Iva mela, iz-zija ghamelt zewg passi il-quddiem u jiena miexi hdejha iz-zija lahqet ghamlet zewg passi qabbli u jiena kont qed inhares on the right biex nara minn fejn kienu gejjin il-karozzi in the meantime kien qed jirriversja biex isib il-parking u laqatni fuq il-genb.

Qorti: Iz-zija kif spiccat ma l-art?

Xhud: M`ghandix idea.

Pros: Kienet hdejk ghadek kif tghidilna li kienet hdejk?

Xhud: Kienet hdejja imma jiena kont qed inhares on the right biex nara hux gejjin karozzi hi imxiet 3 passi il-boghod minni.

Pros: Laqqtek mill-liem naha laqtek?

Xhud: Jiena ifhimni kont gej hekk qed inahres hekk on the right u qed naqsam giet il-karozza on my left u x`hin harist kien too late u laqatni daqxejn u waqajt fl-art.

Pros: B`Liema naha tal-karozza laqqtek, bil-bumpoer bil-bieba bil-mera biex?

Xhud: Bil-Bumper ta` wara tal-karozza, xejn jiena waqajt fl-art kelli ftit grif f`idejja u f`saqajja ovvjament inhsadt,

Qorti: U z-zija spiccat 5 xhur l-isptar hux hekk skond hi jien ma nafx ma montx hemm.

Xhud: Le jiena Sur Magistrata jiena hemm kont pero jiena ma nistax nahlef li rajt x`gara miz-zija.

Pros: Teresa mela inti waqajt?

Qorti: Kemm kienet il-boghoid minnek iz-zija?

Xhud: 3 passi li qed nghid imxiet qabbli.

Qorti: U nizlet fuqu u waqet iz-zija igifieri qe nghdiu hawn qed nipprova nifhem jien komplu.

Pros: X`rajt meta waqajt, laqqtek bil-bumper umbaghad x`rajt, Teresa fejn kienet?

Xhud: Ma nistax nghid iva jew mhux ma nistax nghid li mhux hux hekk.

Pros: Jien qed insaqsik x`rajt?

Xhud: Jien il-verita qed nghid sur Magistrat, u meta kont qed inhares on the right tieghi u iccekkjajt hux gejjin karozzi irriversja u jiena laqatni bil-wara tal-bumper tal-karozza daqsekk umbaghad qomt minn jheddi qsamt fuq iz-zuntier gabuli siggu umbaghad rajt kommossjoni li kien gara xi haga hdejn il-karozza qomt minn hemmekk u mort nara u sibt liz-zija fl-art.

Pros: Liem naha kienet, mela inti laqqtek minn wara Teresa fejn kienet meta qomt?

Xhud: Fuq in-naha tax-xufier.

Qorti: 3 passi il-quddiem komlu.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Mela ara Michael inti dak in-nhar kont hemmekk riekeb flimkien mal-mara tieghek u mat-tifla u maz-zija u xufier quddiem waqqafkom in-naha l-ohra, meta waqqafkom in-naha l-ohra intom hu bed ajirriversja biex jipparkja inti u z-zija kif qsamtu it-triq ghad-dritt igifieri bejn il-karozza tieghu meta inti tqis fejn waqqafkom hu fejn waqqafkom hu ifhimni sew u fejn inti spiccajt fl-art bi dritt fejn waqqfkom hu jew inkella naqra iktar?

Xhud: Forsi naqra iktar l-isfel.

Avu: Igifieri ma qsamtux ghad-dritt int u z-zija?

Xhud: Le le le.

Avu: Qsamtu daqxejn imgenbin?

Xhud: Probabbli hekk iva.

Avu: Issa il-karozza inti ghedt li spiccajt fl-art il-mument qabel ma inti spiccajt fl-art x`kont qed taghmel?

Xhud: Inhares on my right biex nara jekk hux gejjin karozzi mill-karregata.

Avu: Sa dak il-hin iz-zija fejn kienet?

Xhud: Qed timxi quddiemi qed timxi qabbli taqsam it-triq.

Qorti: Avukat ovvjament hu kien qed jahseb fil-karozzi kif gejjin kif suppost mhux dawk li kienu qed jirriversja wrong way up.

Avu: Issa umbaghad inti spiccajt fl-art u x`hin indunajt li z-zija spicca t fl-art band`ohra x`hin indunajt?

Xhud: Indnajt jien ovvjament x`hin rajtu x`hin induanjt li qed jirriversja kien tard wisq ghax kien diga bumper mieghi igifieri umbaghad spiccajt fl-art u ma tafx inti taghmel dawk il-ftit sekondi ixxukjat daqxejn umbaghad qomt qsamt gew in-nies hdejja gew huti u niesi umbaghad x`hin rajt in-nies hdejn il-karozza indunajt li gara xi haga ghax umbaghad smajt,

Avu: Michael inti?

Qorti: Igifieri iz-zija waqet hdejn il-karozza li filfatt in-nies kienu hdejn il-karozza meta marru jaghtuha l-ghajnuna kif qed titkellem int?

Xhud: Jiena x`hin kont bilqeghda faccata fuq iz-Zuntier indunajt li gara xi haga.

Qorti: Ghax kien hemm in-nies hdejn il-karozza,

Xhud: Mhux hekk mhux hekk.

Qorti: Allura iz-zija per konsegwenza kienet jew x`gara kien vicin il-karozza,

Xhud: Mhux hekk.

Avu: Rigward inti u iz-zija x`hin inziltu kontu tafu fejn sejjer bil-karozza Thomas li ha jirriversja iva jew le?

Xhud: Iva qalilna li ha jinzel jipparkja.

Avu: U kontu tafu fejn ha jipparkja Thomas iva jew le?

Xhud: In-naha l-ohra tal-karregata.

Avu: Ezatt kontu tafu xi post specifiku ukoll fejn ha jipparkja?

Xhud: Qalilna ghax immarka il-post qalilna.

Avu: Inti bil-gurament tieghek tista tghidilna x`ikkawza il-waqa` taz-zija?

Xhud: Le ma nistax onestament ma nistax.

Avu: Dak kollox sinjura.

PS 728 xehed permezz ta' Affidavit dwar l-involviment tieghu fil-kas odjern.

It-Tabib Jeffrey Bonnici xehed permezz ta' Affidavit dwar il-kas odjern.

**Ikkunsidrat**

Illi jirizulta car in-nuqqas ta' Proper lookout tal-imput li kien qed jimmanuvra  fit-triq meta kien jaf li kien hemm nies fit-triq stante li kienu nizzlu mill-vettura misjuqa minnhu. La nizlu mill-vettura tieghek qabel ma timmanuvra tali vettura trid tkun zgur li il-passiggiera tieghek ikunu f'post fejn ma tistaghax tolqothom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti issib lill-Thomas Spiteri hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u timmultah elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69), sitt gimghat skwalifika mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan u tmin punti fuq il-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**